# Il-familja u l-"konverżjoni tal-lingwa" pastorali tagħna

Dr. Nadia Delicata

Dipartiment tat-Teoloġija Morali u Spiritwali,

Fakultà tat-Teoloġija, Università ta' Malta

nadia.delicata@um.edu.mt

Id-49 Messaġġ tal-Jum Dinji tal-Komunikazzjoni, li qed jispira l-konversazzjoni tagħna llum, jiddeskrivi l-familja b'dan il-mod: *

> Il-familja mhix suġġett ta' dibattitu jew ta' konfront ideoloġiku. Il-familja hija l-ambjent fejn nitgħallmu nikkomunikaw b'mod intimu, fejn il-vera komunikazzjoni sseħħ; hija l-komunità li tikkomunika. Il-familja hija l-komunità li tagħti l-għajnuna, li tiċċelebra l-ħajja, li tagħti l-frott. Meta nifhmu dan, nirrealiżżaw li l-familja mhix problema jew istituzzjoni fi kriżi, imma tibqa' l-iktar riżorsa mportanti u prezzjuża għall-bniedem (emfasi tiegħi).[1]

Naħseb li dan il-kumment tal-Papa Franġisku, fuq kemm il-familja m'għandhiex tkun suġġett ta' kontroversja, imma għandha tiġi apprezzatha bħala l-ewwel skola tal-bniedem, ma kienx indirizzat biss lejn id-dinja, is-soċjetà sekulari jew l-universitajiet, imma anke lejn il-Knisja stess. Kulħadd jaf, u kulħadd sema', kif il-ġimgħat u x-xhur qabel l-Assemblea Straordinarja tas-Sinodu tal-Isqfijiet f'Ottubru li għadda, kienu xalata għall-ġurnalisti nternazzjonali li tpaxxew bil-batti bekki bejn teologi, kardinali u Isqfijiet fil-Knisja. Kulħadd jaf ukoll x'kien il-ġist ta' dawn il-ħafna kummenti li forsi mhux dejjem kienu kawti, rispettużi jew xhieda biżżejjed ta' Kristu. *

[1] "The family … is not a subject of debate or a terrain for ideological skirmishes. Rather, it is an environment in which we learn to communicate in an experience of closeness, a setting where communication takes place, a "communicating community". The family is a community, which provides help, which celebrates life and is fruitful. Once we realize this, we will once more be able to see how the family continues to be a rich human resource, as opposed to a problem or an institution in crisis."

https://w2.vatican.va/content/francesco/en/messages/communications/documents/papa-francesco_20150123_messaggio-comunicazioni-sociali.html

*** Ara slide/punt li jmiss.**

Fil-waqt li l-Knisja kollha taf li teżisti problema pastorali serja f'diversi aspetti tal-ħajja tal-familja—din hija r-raġuni għalfejn il-Papa sejjaħ is-Sinodu tal-Familja—mhux kulħadd jaqbel mal-metodu ta' kif għandna naffrontaw id-diversi sitwazzjonijiet diffiċli li l-familji tagħna jaffaċċjaw fil-ħajja tagħhom ta' kuljum. Xi wħud, speċjalment fil-Punent, jemmnu li l-Knisja għandha "timxi maż-żminijiet," u allura għandha tkun iktar miftuħa lejn rejaltajiet ġodda tal-familja. L-argument hu li l-kunċett ta' "familja" nnifsu sar likwidu, flessibli, u jinkorpora relazzjonijiet ġodda: bħal koppji omosesswali, tfal minn żwiġijiet differenti eċċ.

Oħrajn jirreaġixxu bil-mod oppost. Il-Knisja m'għandhiex sempliċiment titkaxkar mal-kurrent, imma għandha żżomm sod anke fl-agħar maltempati. Għalhekk il-Knisja għandha tibqa' ssostni l-istess verità, eterna, ċara u bla mittiefsa, speċjalment f'dawk l-aspetti kollha li għandhom x'jaqsmu mal-familja: żwieġ li jinħall biss mal-mewt, żwieġ bejn raġel u mara biss, żwieġ dejjem miftuħ għall-ħajja eċċ.

Ma nixtiqx nidħol fil-merti—li huma ħafna—taż-żewġ naħat ta' din id-dibattitu ntern għall-Knisja. Li nixtieq nagħmel imma, huwa li nelabora ftit iktar fuq din il-metafora * tal-kultura bħala "kurrent", tal-kultura bħala baħar imqalleb, u tal-Knisja donna ġifen li jrid jissielet biex jasal sax-xatt (forsi x-xatt tal-ħajja ta' dejjem?). Hija immaġini evokattiva li naħseb li għandha x'tgħallimna għall-ħidma pastorali tal-familja. U b'mod partikolari—biex inkompli mal-punt tal-Messaġġ tal-Jum Dinji tal-Komunikazzjoni 2015—tar-relazzjoni essenzjali bejn il-familja u l-komunikazzjoni.

Edgar Allan Poe joffri storja simili għall-metafora tagħna, jisimha *A Descent into the Maelstrom.* * F'din l-istorja ġuvnott ġo dgħajsa ċkejkna jinqabad f'kurrent qawwi fil-baħar li jgħaddsu u jniżżlu sal-qiegħ. Il-ġuvni b'xi mod jirnexxielu isalva, u huwa propju kif jirnexxielu jsalva li huwa l-moral tal-istorja. Iktar ma wieħed jissielet kontra l-kurrent, iktar jegħreq 'l isfel. Min-naħa l-oħra, lanqas ma hu biżżejjed li wieħed sempliċiment jintelaq u

*** Ara slide/punt li jmiss.**

jispera li jkollu x-xorti li l-kurrent jgħollih fil-wiċċ. L-istrateġija għaqlija hija dik li tistudja d-dinamika tal-kurrent, biex b’hekk tkun jista’ tużha għall-vantaġġi tiegħek. * L-istess forza li tgħarraq tista’ ssir il-forza li ssalva mill-għarqa—jekk nagħrfu naħdmu ma’ din il-forza b’mod intelliġenti.

Naħseb li fil-kuntest tal-kontroversji kollha fil-Knisja fuq il-familja din, fil-fatt, hija l-ikbar sfida tagħna:

Faċli li naħsbu li biex insalvaw mill-għarqa rridu nikkundannaw jew nirreżistu. Faċli wkoll li naqtgħu qalbna: ninsew il-valuri li ħaddnu ommijietna u missirijietna u nilludu ruħna li dak li hu ġdid hu neċessarjament aħjar. Imma la l-liberaliżmu u lanqas r-riġidità m’hu se jsalvaw lill-familji tagħna. Fi kliem ieħor, mhux l-ideat tagħna—kemm dawk artikolati permezz tal-lingwa tal-“liġi” u kemm dawk artikolati permezz tal-lingwa “progressiva taż-żminijiet”—ma jistgħu jkunu “soluzzjoni” għall-“kriżi” pastorali. * Għandna bżonn “lingwa” oħra, lingwa li żżommna saqajna mal-art, imma wkoll għajnejna fissi lejn it-tama li “nsalvaw”. Din il-lingwa irridu nkunu kapaċi nistudjawha, nifhmuha u nitgħallmu minnha. Fil-fatt, kif jgħid il-*Lineamenta*, id-dokument bi preparazzjoni għall-Assemblea Ordinarja tal-Isqfijiet li jmiss, għandna bżonn “konverżjoni tal-lingwa”, jew forsi wkoll, “lingwa li tikkonverti.”

Dan il-punt naħseb li huwa mportanti speċjalment meta narawh mil-lenti tal-Messaġġ tal-Jum Dinji tal-Komunikazzjoni fuq il-familja li jgħid li hija l-familja nnifisha li hi “komunità li tikkomunika”—u mhux biss li tikkomunika, imma li fiha nitgħallmu nikkomunikaw. *

Tajjeb li niftakru li l-kliem “komunità” u “komunikazzjoni” fir-realtà għandhom l-istess għeruq: “komunjoni.” Bħala bnedmin nfittxu li ngħixu bħala komunità propju għax kapaċi nikkomunikaw. Fl-istess waqt, il-komunikazzjoni tilħaq il-milja tagħha ta’ intimità, onestà, u trasparenza reċiproka, fil-“komunità” meta persuni jsiru “komunjoni,” isiru “ħaġa

*** Ara slide/punt li jmiss.**

waħda flimkien." U fil-fatt, l-ebda komunjoni umana ma' tista' tkun intima, reċiproka u sħiħa—kif ngħidu "fir-ruħ u fil-ġisem"—daqs dik bejn il-koppja miżżewġa. * Għalhekk, mhux ta' b'xejn li d-dokument jitkellem fuq il-familja bħala l-"komunità li tikkomunika," jew forsi aħjar, fuq il-familja bħala l-"komunjoni komunikattiva." Il-bniedem fin-natura tiegħu jsib il-milja tiegħu f'relazzjoni reċiproka u kumplimentari. U kif jgħallimna l-ktieb tal-Ġenesi, mill-ħlejjaq kollha tal-art, il-mara biss kienet sieħba denja għal Adam.

Minn dan naraw li l-lingwa "ġdida", jew aħjar, il-"konverżjoni tal-lingwa," il-konverżjoni li neżiġu tal-mod kif nikkomunikaw, hija l-"familja" nnifisha, u l-lingwa qawwija tagħha tal-imħabba. * Iktar milli għandna bżonn lingwa biex nitkellmu fuq il-familja, għandna bżonn nitgħallmu nifhmu l-lingwa li biha l-familja, minnha nnifisha, tikkomunika. Fl-aħħar mill-aħħar, jekk il-bniedem huwa maħluq biex jgħix mhux waħdu, imma f'komunità u soċjetà ma' bnedmin oħra, hija l-familja—l-ewwel komunità u ċellola tas-soċjetà—bħala lingwa, bħala xhieda ta' relazzjoni, bħala espressjoni ta' mħabba, li tista' ssalva lill-bniedem mill-"għarqa". Il-bniedem u l-familja huma fil-fatt ħaġa waħda: kulħadd huwa wild, u anke dawk fostna li m'humiex imsejħa għall-ħajja miżżewġa, xorta huma msejħa għall-ħbiberija—forma oħra ta' komunjoni—li tagħti l-ħajja. L-Insara tal-bidu stess kienu jsejħu lilhom infushom "aħwa" biex juru li l-ħbiberija, l-imħabba, li kienet timmarkhom, kienet tassew wildithom mill-ġdid bħala familja, ulied ta' Missier wieħed. * Il-bniedem jeżisti għall-ħajja familjari u l-familja hija l-ambjent naturali tal-bniedem. Għalhekk, li nifhmu l-lingwa tal-familja, huwa l-unika mod kif fil-ħidma pastorali tagħna nistgħu nakkumpanjaw il-familji, inkluż dawk li jinsabu f'diffikultà.

Naħseb li dan jimplika tliet aspetti ta' kif għandna nitgħallmu nifhmu l-lingwa tal-familja: *

* L-ewwel nett, li nagħrfu tassew x'inhi n-natura tal-kriżi tal-familja li qed inħabbtu wiċċna magħha.

*** Ara slide/punt li jmiss.**

* It-tieni, li nagħrfu kif il-familja bħala komunikazzjoni, bħala lingwa, tista' tiġi ppurifkata, biex tassew tkun Vanġelu, Bxara Tajba għall-bnedmin kollha.

* U fl-aħħar, li ngħarfu kif il-lingwa pastorali għandha tkun mera li tirrifletti—u allura veru takkumpanjha—ir-realtà tal-familji tagħna, biex minn esperjenza ta' kriżi, tassew ikunu jistgħu jduqu l-esperjenza ta' ferħ, il-"Vanġelu tal-Familja".

*** L-ewwl punt: il-kriżi tal-familja**

X'nifhmu biha meta ngħidu li l-familji tagħna huma fi kriżi? X'inhi l-forza ta' dan il-kurrent li jrid jgħaddasna?

Naħseb tajjeb li napprezzaw li l-kriżi fil-familji tagħna hija l-istess kriżi fil-"kultura" tagħna, fl-ambjent soċju-politiku tagħna. Hija wkoll l-istess kriżi li l-bniedem dejjem ħabbat wiċċu magħha mill-bidu taż-żminijiet. * Imma anke meta l-kriżi tieħu forom u xejriet differenti—u niftakru li kif jgħid Koħelet, "xejn ġdid m'hemm taħt ix-xemx"—id-dnub jibqa' wieħed: id-dnub ta' suppervja, id-dnub li l-bniedem jaħseb li jaf x'inhu l-aħjar, id-dnub ta' nuqqas ta' mħabba, u ta' nuqqas ta' gratitudni lejn ir-rigal tal-ħajja li Alla tana. Il-kriżi li nħabbtu wiċċna magħha hi dejjem l-istess waħda anke jekk taħt aspetti diversi: hija l-kriżi tad-"dnub" u tad-dnub "oriġinali".

Imma jekk il-kriżi hija tad-dnub, permezz tal-fidi nafu li huwa propju d-dnub u l-jasar tiegħu, li Kristu jeqred fil-mewt u l-qawmien tiegħu. Għalhekk, meta Kristu jiftaħ il-bieb tas-salvazzjoni, Kristu jiftaħ ukoll il-bieb għal relazzjonijiet sani, għal familji li tassew jistgħu jikkomunikaw x'jiġifieri tkun komunità sħiħa, komunità qaddisa.

Fi kliem ieħor, * Kristu jiftaħ il-bieb biex il-kriżijiet fir-relazzjonijiet tagħna naqrawhom mil-lenti tas-salvazzjoni. * Mhux biss il-bniedem kif inhu, bid-difetti u n-nuqqasijiet kollha tiegħu, imma l-bniedem kif jista' jkun, isir il-grammatka li biha naqraw is-

*** Ara slide/punt li jmiss.**

sinjali taż-żminijiet. U * waqt li kull żmien għandu l-jasar tiegħu, kull żmien ukoll jixhed it-tama tal-bniedem li jsir iben jew bint Alla.

Dan joħroġ biċ-ċar anke fil-familji tagħna llum: fejn l-emfasi tar-relazzjonijiet m'għadux fuq id-"dover" u d-"dmir" li jorbot lill-koppja, jew lill-ulied mal-ġenituri, imma r-romantiċiżmu tal-"imħabba vera" li naspiraw għaliha. Għalhekk l-għajta ta' koppji gays: "Imma għaliex aħna ma nistgħux niżżewġu"? Mhux forsi tant għax jixtiequ jintrabtu f'istituzzjoni, imma għax jixtiequ affermazzjoni—mill-kultura, mill-ħbieb, mill-familji tagħhom stess—li huma wkoll iħobbu lil xulxin. Għalhekk ukoll id-delużjoni ta' ħafna koppji li jidħlu b'entużjażmu għaż-żwieġ, imma ż-żwieġ tagħhom jispiċċa fix-xejn: l-"imħabba" (jew almenu dik li jaħsbu li hija "imħabba") li kienu qed jistennew, ma jsibuhiex, u jekk ma jsibuhiex, mela jaħsbu li r-relazzjoni tagħhom ma tfisser xejn. Xi ftit jew wisq dan huwa l-mod kif aħna lkoll nirraġunaw illum: "Għaliex għandna nibqgħu marbutin jekk ma nħobbux lil xulxin? M'għandhiex dritt insibu imħabba band'oħra?"

Fil-waqt li żgur miniex qed nghid li dawn l-attitudnijiet huma ideali jew perfetti—imma xejn minn dak li jagħmel il-bniedem ma hu perfett!—xorta waħda naħseb li tajjeb li napprezzaw li, anke f'dik li nsejħulha l-"kriżi" ta' żminijietna, hemm xewqat u aspettattivi li jagħtu ħjiel li lkoll kemm aħna nixtiequ l-imħabba sinċiera u l-ferħ veru. U propju għax l-aspettativi relazzjonali tagħna huma dejjem mibnijin fuq doża ta' verità, żgħira kemm hi żgħira, huma jagħtu ħjiel ċkejken tal-lingwa sabiħa umana li l-familja.

Il-punt li qed nipprova nqajjem huwa dan: f'kull relazzjoni umana dejjem hemm xrara ta' tjubija. U jekk nibdew billi nagħrfu, napprezzaw u niċċelebraw dak li hu tajjeb, ikun ukoll l-ewwel pass biex nibnu dak li hu aħjar. Dan għax it-tjubija f'ħajjitna hija dejjem frott tal-grazzja ta' Alla. U attitudni ta' radd il-ħajr lejn il-grazzja ta' Alla, hija dejjem il-bidu tal-konverżjoni, l-ewwel pass tal-ħajja Nisranija, u tal-mixja twila biex insiru xhieda tal-Bxara t-Tajba.

*** Ara slide/punt li jmiss.**

*** It-tieni punt: Il-familja bħala lingwa ta' komunjoni**

Mill-ewwel punt joħroġ biċ-ċar kif il-familja għandha inħarsu lejha taħt żewġ aspetti: kemm fir-realtà eżistenzjali tagħha—u allura bid-diffikultajiet umani kollha tagħha—imma anke bħala sinjal tat-tama tal-bniedem li l-imħabba li torbotna flimkien, tista' tkun waħda perfetta u qaddisa f'għajnejn Alla meta mbierka bl-Ispirtu tiegħu. Anke t-titlu stess tad-dokument li qed nirriflettu fuqu—"Nikkomunikaw il-Familja: L-ispazju privileġġjat fejn niltaqgħu mar-rigal tal-imħabba"[2]—ifakkarna li * l-familja bħala l-"komunità li tikkomunika" hija l-"lingwa"—jew il-mod ta' "komunikazzjoni"—oriġinali għall-bniedem, għax hija mera tal-Komunità u Komunjoni Oriġinali li hija t-Trinità Mqaddsa. * Il-"familja", li s-sagramenti taż-żwieġ u l-Ewkaristija jistednuna biex inkunu—u allura kemm bħala Knisja domestika imma anke bħala Knisja universali—hija l-ispazju privileġġjat fejn niltaqgħu u nirċievu r-rigal tal-imħabba li hija l-Ispirtu s-Santu. * B'hekk il-familja ssir ritratt tal-imħabba tal-Missier għall-Iben, u tal-Missier u l-Iben lejn d-dinja stess.

Il-Missier u l-Iben huma ħaġa waħda, jgħallimna l-Evanġelju skont San Ġwann. Imma bħalma l-Missier huwa fl-Iben u l-Iben fil-Missier, hekk ukoll aħna, minkejja l-fraġilità tagħna, minkejja n-nuqqasijiet tagħna, msejħa biex inkunu ħaġa waħda mat-Trinità qaddisa. L-istess imħabba perfetta li biha l-Missier u l-Iben iħobbu lil xulxin, Alla joffriha lill-bnedmin.

Imma l-imħabba perfetta ta' Alla lejn id-dinja, mhi xejn ħlief l-imħabba ta' Missier li jħenn. * "Hekk Alla ħabb lid-dinja li bagħat lil ibnu l-waħdieni" jgħid l-Evanġelju ta' San Ġwann. * Hekk il-Missier għannaq lil Ibnu il-mitluf imma li reġa' nstab fil-parabbola li jagħtina San Luqa. Alla bagħat lil Ibnu għax ħenn għall-bniedem li kien tilef it-triq biex dan ma jibqax mitluf. Iktar importani minn hekk, Alla tant ħenn għall-bniedem li sar hu nnifsu it-

[2] "Communicating the Family: A Privileged Place of Encounter with the Gift of Love"

Triq tiegħu, il-Verità tiegħu, il-Ħajja tiegħu, l-Ikona tal-Imħabba Ħanina tal-Missier. Għalhekk San Luqa jgħidilna li biex insiru ulied il-Missier għandna nuru l-istess ħniena tiegħu—ħniena, mgħodrija, paċenzja u fiduċja li żgur kull relazzjoni umana teħtieġ jekk se tinbena fuq pedament serju. *

Hekk joħroġ punt ieħor importani ta’ kif nitgħallmu l-lingwa tal-familja: kull meta f’relazzjoni umana naraw espressjoni ta’ ħniena, ta’ mogħdrija, li hija l-marka tal-imħabba vera, hemmhekk niddixxernu sinjal tal-Ispirtu s-Santu jakkumpanja, tal-Ispirtu s-Santu jittrasforma, tal-Ispirtu li jagħmilna xbiha tat-Trinità Mqaddsa. Il-kriżi tal-familja hija n-nuqqas ta’ mħabba. Imma minkejja d-difetti kollha tagħha, il-familja, ir-relazzjonijiet umani, jibqgħu jeżistu, għax il-bniedem, ikkreat fl-immaġini ta’ Alla, ma jistax ma jfittixx li jħobb. U l-familja, kif rajna qabel, hija propju r-realtà relazzjonali fejn din it-tensjoni—bejn l-imħabba li nixtiequ noffru u t-traġedja tad-dnub—toħroġ bl-ikbar qawwa. Għalhekk jekk inkunu kapaċi naqraw il-“lingwa” tal-familja—u allura, is-sinjali fil-kultura li qed jeħilsuha u dawk li qed jgħakksuha—inkunu nistgħu ukoll insibu l-kliem adattat għall-ħidma pastorali tagħna.

*** It-tielet punt: Kif nitkellmu l-lingwa tal-familja: l-akkumpanjament pastorali u spiritwali**

Kif nafu, mill-bidu tal-Papat tiegħu, Franġisku ppriedka b’mod speċjali din il-ħniena tal-Missier. L-eżempju l-iktar ċar fl-Iskrittura li jimpressjona lill-Papa Franġisku huwa dak ta’ Mattew jiġbor it-taxxi, u l-ħarsa ta’ ħniena li tah Ġesù meta, minkejja d-dgħufija kollha tiegħu huwa għażlu bħala wieħed mit-Tnax. Dan l-episodju fit-Testment il-Ġdid jinġabar fil-motto li l-Papa għażel: *Miserando atque eligendo*. *

*** Ara slide/punt li jmiss.**

Imma kif ifakkarna l-Kardinal Walter Kasper,[3] Franġisku mhux l-ewwel Papa li ta mportanza daqshekk kbira lill-ħniena tal-Missier.

Meta il-qaddis Papa Ġwanni XXIII fetaħ il-Konċilju Vatikan it-Tieni, hu saħaq li fi żminijietna l-"mediċina tal-ħniena" tista' tfejjaq ir-ruħ iktar minn dik tal-kundanna.[4] Il-Qaddis Papa Ġwanni Pawlu II iddedika t-tieni enċiklika tiegħu, *Dives in misericordia,*[5] biex jgħallem li l-ħniena t'Alla hija ikbar mill-ġustizzja tiegħu. Fuq kollox, hu jibqa' mfakkar għal kif daħħal iċ-ċelebrazzjoni tal-Ħniena Divina fil-kalendarju liturġiku, propju Ħadd fuq l-Għid il-Kbir. Min-naħa tiegħu, il-Papa Benedittu XVI, kompla japprofondixxi din it-tradizzjoni ta' riflessjoni fuq il-ħniena divina, permezz tal-ewwel enċilika tiegħu, *Deus Caritas Est*,[6] u anke billi ta xejra ġdida lit-tagħlim soċjali tal-Knisja meta f'*Caritas in veritate*[7] saħaq li mhix biss il-ġustizzja, imma l-imħabba, il-ħniena, hija s-sors tal-kuxjenza soċjali tal-Knisja.

Il-fatt li l-Papa Franġisku sejjaħ Ġublew tal-Ħniena huwa forsi l-iktar pass konkret li ħa s'issa biex jurina biċ-ċar x'tip ta' Knisja jixtieq li nkunu. Xahar ilu, il-Papa ppreżenta programm dettaljat ta' x'qed jitlob mill-Knisja f'dan il-Ġubilew.[8] B'mod partikolari, hu jsemmi pellegrinaġġi ta' ndiema u saċerdoti magħżula bħala "missjunarji ta' ħniena" biex aħna lkoll midinba, permezz tas-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni, ikollna l-istess esperjenza ta'

---

[3] Ara l-ktieb tiegħu *Mercy: The Essence of the Gospel and the Key to Christian Life* (Paulist Press, 2014).

[4] "Non c'è nessun tempo in cui la Chiesa non si sia opposta a questi errori; spesso li ha anche condannati, e talvolta con la massima severità. Quanto al tempo presente, la Sposa di Cristo preferisce usare la medicina della misericordia invece di imbracciare le armi del rigore; pensa che si debba andare incontro alle necessità odierne, esponendo più chiaramente il valore del suo insegnamento piuttosto che condannando." Solenne Apertura Del Concilio Ecumenico Vaticano II:

Discorso Del Santo Padre Giovanni XXIII, 11 ottobre 1962, http://w2.vatican.va/content/john-xxiii/it/speeches/1962/documents/hf_j-xxiii_spe_19621011_opening-council.html, 7.2.

[5] "Rich in Mercy," November 30, 1980, http://w2.vatican.va/content/john-paul-ii/en/encyclicals/documents/hf_jp-ii_enc_30111980_dives-in-misericordia.html.

[6] "Alla Huwa Mħabba," 25 ta' Diċembru, 2005, http://www.laikos.org/Enciklika_AllaHuwaMhabba.pdf.

[7] "Karità fil-Verità," 29 ta' Ġunju, 2009, http://www.laikos.org/CaritasVeritate.htm.

[8] Bull of Indiction of the Extraordinary Jubilee of Mercy: *Misericordiae Vultus*, April 11, 2015, http://w2.vatican.va/content/francesco/en/apost_letters/documents/papa-francesco_bolla_20150411_misericordiae-vultus.html.

ħniena li bidlet lil San Mattew. Dan is-sagrament huwa forsi dak l-iktar minsi u ttraskurat fil-ħajja liturġika tagħna. U dan propju għax għal ħafna snin, il-perċezzjoni tas-sagrament kienet dik ta' ġudizzju u kundanna, iktar milli ta' ħniena u ta' ħajja ġdida. Imma dak li qed jinsisti l-Papa Franġisku huwa li, mhux biss permezz tal-Qrar, imma fil-ħajja kollha tagħha, il-Knisja nnifisha għandha tkun Sagrament tal-Ħniena, u allura esperjenza ċara u profonda ta' kif Alla jħenn, Alla jfejjaq, Alla jwelled mill-ġdid.

Imma din l-istess esperjenza ta' ħniena li tfejjaq, ta' ħniena li tagħti l-ħajja mill-ġdid, tasal għand il-Poplu t'Alla permezz tal-ħidma pastorali tal-ministri tiegħu. * Il-lingwa pastorali hija wkoll il-lingwa l-iktar profondament teoloġika għax tikxef u turi biċ-ċar Alla min hu, Alla min jixtieq ikun għall-bnedmin li huwa jfittex li jħobb u li jistieden biex jagħmilhom uliedu. Bħalma l-Papa għażel bħala l-motto tiegħu *Miserando atque eligendo*, hekk ukoll huwa d-dover ta' kull ragħaj fil-Knisja li jfakkarna li aħna lkoll, propju għax żgħar u midinba aħna magħżula, aħna maħbuba.

Huwa hawn, fl-opinjoni tiegħi, li toħroġ biċ-ċar l-isfida għall-familja li Papa Franġisku ppreżenta lill-Knisja, u l-iktar lir-rgħajja tagħha. Tassew li l-familja m'għandhiex tkun il-lwok ta' kontroversji, imma * d-dar tal-ħniena. Il-familja nnifisha tkkomunika l-ħniena: mhux ta' b'xejn li l-Profeta Iżaija jitkellem fuq Alla bħala omm li tħobb lil uliedha, li lesta tagħmel kollox għalihom. Imma naħseb * l-implikazzjoni ta' dan il-messaġġ hija wkoll li mhux biss nitgħallmu x'inhi l-ħniena fil-familji tagħna, imma li ngħallmu l-ħniena permezz tal-eżempju pastorali tagħna lill-familji. Il-ħarsa tar-rgħajja tal-Knisja, il-ħarsa tagħna lkoll lejn familji li qed ibatu—u għiduli intom, liema familja ma tbatiex?—għandha tkun ta' ħniena li tagħder, imma li fil-mogħdrija tagħha tagħti l-kuraġġ biex il-midneb ma jibqax marbut fil-jasar.

Id-dinamika tal-ħniena u l-mogħdrija timplika ukoll li l-ħidma "pastorali" hija dejjem * relazzjonali: rabta bejn ir-ragħaj u n-nagħaġ tiegħu. "Ir-ragħaj jagħraf lin-nagħaġ tiegħu,

*** Ara slide/punt li jmiss.**

bħalma n-nagħaġ jagħrfu lilu,” jgħid l-Evanġelju skont San Ġwann. * Ir-rabta hija waħda ta’ fiduċja: In-nagħaġ jafdaw lir-ragħaj għax ir-ragħaj “jagħti ħatju għalihom.” Il-fiduċja tan-nagħaġ hija t-tama sħiħa tagħhom—u t-tama qatt ma hi sempliċi ottimiżmu—li s-salvazzjoni, il-ferħ veru għall-familji tagħna, hija rigal li Kristu diġa offrilna u jibqa’ joffrilna għal dejjem.*

**Biex nikkonkludi…**

Is-sejħa tal-Knisja hija li sservi. Mhux li tiġġudika u tikkundanna, imma li tagħti xhieda permezz tal-aġir u l-kliem. Dan hu li jagħmel il-ħidma pastorali tagħna tassew ħajja u tmiss il-qalb. Għalhekk ukoll, it-tama tal-Knisja għall-familji, qatt ma tista’ tkun fl-ideat u l-kapaċitajiet tagħna bħala ministri u servi, imma fi Kristu u l-aħbar it-tajba ta’ salvazzjoni tiegħu. L-aħjar mod li nistgħu nservu huwa li nippruvaw inkunu u naġixxu bħalu: il-mudell tagħna. B’hekk insiru xhieda tal-“Vanġelu tal-Familja,” l-aħbar it-tajba li ssalva lill-familja maqbuda fil-kurrent, għax turi bil-provi li l-imħabba tal-bniedem tassew tista’ ssir tixbaħ lill-imħabba ta’ Alla.

* Il-konverżjoni u l-konvinzjoni ma jiġux mill-argumenti, imma mill-esperjenza: x’jiġri kieku, minkejja d-difetti kollha tiegħi, minkejja d-dgħufija kollha tiegħi, nipprova ngħix daqs li kieku jien aħjar milli fil-fatt jien?

Li jiġri hu li meta nduq it-tajjeb, meta niltaqa’ ma’ xhieda tas-salvazzjoni li joffri Kristu, jien għandi ċans li qalbi tkun tixtieq aktar, li jien niddakkar ukoll mill-qdusija. Hekk il-familji dgħajfa tagħna: l-esperjenza ta’ realtà li tmiss il-qalb, timla bil-kuraġġ, għax tagħti l-ferħ veru. Kif jgħallimna Papa Franġisku: * *Evangelii gaudium*! Il-ferħ tal-Aħbar it-Tajba! * L-aħbar hija “tajba” għax tagħti l-ferħ. * U għax tagħti l-ferħ, għax timla l-qalb, twassal għall-konverżjoni, għal ħajja ġdida, ħajja ta’ qdusija fi kwalunkwe ċirkostanza ta’ ħajjitna. *